bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Raymond Borg, iben Joseph,
imwieled il-Mellieħa fis-7 ta’
awissu, 1955

Illum, 24 ta’ ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat illi b’diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijet tal-Liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. talli fit-30 ta’ april, 1999 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ bi ħsara ta’ ħaddieħor u cioe’ għad-dannu tas-sidien rispettivi ta’ Pace & Mercieca Ltd. u Coleiro General Supplies Ltd., fl-ammont ta’ aktar minn ħamsin liri maltin (Lm50);
2. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi, f’dawn il-Gżejjer, bi ħsara ta’ ħaddieħor, għamel xi qliegħ ieħor li jeċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) b’qerq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-11 ta’ mejju, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ ġunju, 2002 fejn ġie dikjarat li l-imputat ħallas dak kollu dovut.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat ħallas lis-soċjetajiet hawn fuq indikati permezz ta’ cheques li ma ġewx onorati.  Dan il-fatt ġara għaliex l-imputat kien

fil-proċess li jbiddel minn bank għal ieħor u ma ħax il-prekawzjonijiet kollha biex dak li ġara ma jiġrix. Il-vantaġġ li ħa l-imputat hu wieħed minimu, jekk nistgħu nitkellmu ta' vantaġġ f'dawn iċ-ċirkostanżi.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.